MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 191/2004

Union Press Company Limited
vs
AZ-Ink Company Limited

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Peress li s-socjeta` attrici kienet kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta' sebat elef disa' mija u disgha u sittin Liri Maltin u centezmu (Lm7969.01), rapprezentanti reklami mibjugha u mhux imhallsa kif kellu jirrizulta ahjar mid-dokument anness mac-citazzjoni u mmarkata bhala Dok. A;

U peress li s-socjeta` konvenuta kienet giet interpellata sabiex thallas l-imsemmi bilanc izda kienet baqghet inadempjenti;

U peress illi l-imsemmi kreditu tas-socjeta` attrici kien cert, likwidu u ezigibbli u, sa fejn kienu jafu r-rapprezentanti tas-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta ma kellha ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghhom ghall-hlas ta' din is-somma, kif kien jidher mill-affidavit ta' Emmanuel Micallef anness mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dok B;

U peress li ghalhekk kienu jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-Artikoli 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti:

1) Taghti sentenza u tilqa t-talba tas-socjeta` attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provvdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduri Civili (Kap. 12); u

2) Tikkundanna minnufih lis-socjeta` konvenuta thallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' sebat elef disa' mija u disgha u sittin Liri Maltin u centezmu (Lm7969.01) fuq imsemmija, dovuti kif intqal fuq.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi kontra s-socjeta` konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni ta' Emmanuel Micallef ghas-socjeta` attrici li fiha ssemma li s-socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta' sebat elef disa' mija u disgha u sittin Liri Maltin u centezmu (Lm7969.01) rapprezentanti reklami mibjugha u mhux imhallsa. Illi s-socjeta` konvenuta giet interpellata thallas il-bilanc izda baqghet inadempjenti. Illi l-imsemmi kreditu huwa cert,

likwidu u ezigibbli u sa fejn jafu r-rapprezentanti tas-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta m'ghandha ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghhom.

Rat li gie prezentat affidavit ta' Emmanuel Micallef li fih issemma li s-socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta' sebat elef disa' mija u disgha u sittin Liri Maltin u centezmu (Lm7969.01) rapprezentanti reklami mibjugha u mhux imhallsa. Illi minkejja li s-socjeta` konvenuta giet interpellata thallas il-bilanc hija baqghet inadempjenti. Illi l-imsemmi kreditu huwa cert, likwidu u ezigibbli u sa fejn jaf hu personalment, is-socjeta` konvenuta ma ghandha ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba attrici.

Rat illi s-socjeta` konvenuta debitament notifikata ma deher hadd ghaliha ghas-seduta tal-lum.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi t-talba tas-socjeta` attrici tidher gustifikata u ghalhekk il-Qorti filwaqt li qed tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-art. 167 ***et seq*** tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sebat elef disa' mija u disgha u sittin Liri Maltin u centezmu (Lm7969.01).

Spejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------